# Torsinella (Reċta)

## Addattament ta’ ħrafa antika Maltija minn Trevor Żahra

***Jieħdu sehem:***

Narratur ______________________________
Mara (omm Torsinella) ____________________
Saħħara _________________________________
Torsinella _______________________________
Prinċep _________________________________

Narratur: Darba waħda kien hemm mara li kienet tħobb issajjar ħafna. Ftit ’il bogħod mid-dar tagħha kien hemm ġnien kbir u għalhekk meta jkollha bżonn xi werqa tursin, dik il-mara kienet tmur f’dan il-ġnien u taqta’ ftit minnu. Darba waħda, waqt li kienet qed taqta’ t-tursin, titfaċċa quddiem mara xiħa u kerha. Din kienet saħħara u n-nies kienu jgħidulha *In-Nanna Għula.* Ix-xiħa ħatfet lill-mara minn idha.

Saħħara Ili nosservak tiġi tisraqli t-tursin. Imma issa qbadtek u se tpattiha qares!

Mara *(tibki)* Le, jaħasra ħallini. Nagħtik kull ma trid!

Saħħara Kollox sew mela. Inti dalwaqt se jkollok tarbija. Meta t-tifla jkollha għaxar snin trid twegħedni li tagħtihieli. U trid issemmiha Torsinella, biex tibqa’ tiftakar fil-wegħda tiegħek!

Mara *(imwerwra)* Kollox sew. Kollox sew. Imma issa ħallini.

Narratur Wara ftit xhur dik il-mara kellha tifla u semmietha Torsinella. It-tifla kibret u kellha xagħarha tassew sabiħ, twil minn lewn id-deheb. Darba waħda, meta t-tifla kellha għaxar, iltaqgħet mas-saħħara li kienet qed tistennieha ħierġa mil-iskola. Din qabditha minn xagħarha u kaxkritha magħha.

Saħħara Inti issa tiegħi għal kollox u għal dejjem, għax ommok hekk wegħditni!

Narratur Bil-biża' t-tifla ħassha ħażin u meta stenbħet sabet ruħha ġo palazz kbir. Dan la kellu twieqi u lanqas bibien, imma l-art, is-saqaf, il-ħitan u l-għamara kienu kollha tad-deheb.

Saħħara Issa int se tibqa' tgħix hawn għal dejjem. Jekk tobdini nkun inħobbok ħafna u nkun ħanina miegħek. Imma jekk ma tobdinix, b'rasek idur.

Narratur Imbagħad ix-xiħa bdiet iddawwarha mal-palazz kollu.

Saħħara Kif qed tara, hawn m'hawnx bibien. Imma jekk tkun trid tgħaddi minn kamnra għal oħra għid biss: *Qowla! Qowla!* U ssib ruħek f'kamra differenti. Imma ara x'se ngħidlek. Qed tarah dak l-armarju t'hemmhekk? Qis li dak ma tiftħu qatt. Meta jkun il-waqt ngħidlek jiena x'fih. Imma ara ma jfettillekx tiftħu. U issa hawn ... ħu din l-imsella u dawn il-labar u meta jiena ma nkunx hawn oqgħod aħdem is-suf.

Narratur U ma' dal-kelmiet is-saħħara sparixxiet. Torsinella sewdet qalbha ħafna li kienet mifruda minn ommha, imma dak il-palazz kien tassew sabiħ. Qattgħet il-ġurnata kollha ddur minn kamra għal oħra billi tgħid *Qowla, Qowla.* Kien fiha 40 kamra b'kollox. Filgħaxija, Torsinella tisma' leħen is-saħħara jgħidilha:

Saħħara Torsinella! Torsinella!
Miss ma' xagħrek dik l-imsella,
Dendel xagħrek Qowla! Qowla!
Ħalli titla' n-Nanna Għula!

Narratur Torsinella messet l-imsella ma' xagħarha u f'daqqa waħda xagħarha beda jikber u jikber u jitwal u mela l-kamra kollha. Dendlet xagħarha għal isfel u s-saħħara telgħet miegħu.

U hekk għaddew is-snin. Bil-mod il-mod Torsinella anki nsiet lil ommha u bdiet tidra tgħix mas-saħħara f'dak il-ġmiel ta' Palazz. Biż-żmien tgħallmet ukoll tagħmel xi sħarijiet, bħal ngħidu aħna tibdel in-nies f'annimali jew f'oġġetti. Darba waħda Torsinella ftakret f'dak l-armarju li s-saħħara kienet qaltilha biex ma tiftħu qatt. Il-kurżità għelbuitha.

Torsinella Hi... ara x'hawn! Tliet kobob tas-suf ... waħda ħadra, waħda ħamra u oħra blu. Tgħid dawn għal xiex qegħdin hawn?!

Narratur Għodwa waħda, Torsinella tisma' lil xi ħadd jgħidilha:

Prinċep Torsinella! Torsinella!
Miss ma' xagħrek dik l-imsella,
Dendel xagħrek Qowla! Qowla!
Ħalli titla' n-Nanna Għula!

Narratur Torsinella indunat li dak ma kienx il-leħen tax-xiħa, imma xorta waħda messet l-imsella ma' xagħarha. U wara ftit jitfaċċa quddiemha prinċep sabiħ.

Prinċep Kemm-il draba rajt lil dik ix-xiħa tgħid dak il-kliem u naraha tielgħa tixxabbat sat-tieqa ta' fuq nett. Imma qatt ma kont nobsor li hawn ġew hawn tfajla sabiħa bħalek!

Narratur Torsinella malajr qaltlu bil-ġrajja tagħha kollha

Prinċep Naraw kif nagħmlu biex inħarrbek minn hawn!

Torsinella X'waħda din .'. qed nisma' lis-saħħara ġejja. Isa, ersaq lil hawn. Jiena tgħallimt nagħmel is-sħarijiet ukoll. Ejja ħalli nibdlek f'banketta.

Saħħara Torsinella! Torsinella!
Miss ma' xagħrek dik l-imsella,
Dendel xagħrek Qowla! Qowla!
Ħalli titla' n-Nanna Għula!

Saħħara X'inhu jiġri? X'riħa ta' nies hawn!"

Torsinella Xi tridu jiġri, Nann? Hawn ħa, poġġi fuq dil-banketta!

Narratur Meta s-saħħara telqet mill-ġdid 'il barra, Torsinella bidlet lill-Prinċep kif kien qabel. Il-prinċep u Torsinella bdew jiltaqgħu kuljum, imma Torsinella dejjem kienet tibża' taħrab għax kienet taf li s-saħħara tkun taf b'kollox u żgur jirnexxilha taqbadhom. Darba waħda s-saħħara qaltilha:

Saħħara Torsinella, talli inti obdejtni dejjem, illum irridek nurik x'hemm

f'dak l-armarju. Ersaq lil hawn. Qed tarahom dawn it-tliet kobob. Bihom ma jkun jista' jaqbdek ħadd.

Narratur — Torsinella tgħidx kemm ferħet meta saret taf b'dan kollu. U meta l-għada wasal il-prinċep qaltlu b'kollox.

Prinċep — Mela nistgħu naħarbu issa stess. Mur ġib kemm lożor issib ħalli norbtuhom flimkien u niddendlu magħhom għal isfel. U mur ġib ukoll dawk it-tliet kobob li hemm fl-armarju.

Narratur — U hekk għamlu. Iddendlu mal-lożor u ħarbu. Meta waslet is-saħħara u sejħet lil Torsinella għal darba, tnejn, tlieta ... u Torsinella baqgħet ma weġbithiex, is-saħħara malajr fehmet kollox.

Saħħara — Qarrqet bija, ja mingħul li hi. Ittradietni. Imma tibżax. Miegħi għandha tagħmilha! Naqbadha u noqtolha!

Narratur — U telqet tiġri kemm tiflaħ għal warajhom. Wara ftit kienet għoddha laħqithom.

Prinċep — Isa, Torsinella. Fittex waddab waħda mill-kobob!

Narratur — Torsinella waddbet il-kobba l-ħadra u din f'daqqa waħda nbidlet fi ġnien kbir mimli siġar u ħxejjex. Is-saħħara ħassitha bħal mitlufa fi ġnien kbir bħal dak u sa ma rnexxielha toħroġ minnu, Torsinella u l-Prinċep laħqu tbiegħdu biċċa sewwa. Imma bis-sħarijiet tagħha, is-saħħara ma damitx ma reġgħet laħqithom.

Prinċep — Torsinella, ħaffef ...waddab kobba oħra!

Narratur — U Torsinella waddbet il-kobba l-blu li minnufih inbidlet f'baħar bla tarf. Is-saħħara bdiet tgħum u tgħum b'saħħitha kollha u sa fl-aħħar irnexxielha tasal sax-xatt. Fil-bogħod, il-Prinċep lemaħ il-palazz ta' missieru.

Prinċep — Kważi wasalna! Dalwaqt inkunu ħielsa għal dejjem.

Narratur — Imma issa s-saħħara kienet biss ftit passi 'l bogħod minnhom. Torsinella xeħtet l-aħħar kobba li kien fadlilha u f'daqqa waħda l-kobba l-ħamra nbidlet f'ħuġġieġa nar. Is-saħħara sabet ruħha ġo nofs il-ħuġġieġa. Bdiet tgħajjat u twerżaq u fi ftit ħin, is-saħħara saret irmied. Torsinella u l-Prinċep waslu fil-palazz tar-Re u r-Reġina, u malli l-Prinċep ippreżantalhom lil Torsinella, kulħadd

ħa grazzja magħha. Fi ftit ġimgħat saret il-festa tat-tieġ u l-għada stess ir-Re ċeda t-tron lil ibnu ... u Torsinella sabet ruħha Reġina. U hekk, hija u żewġha għexu kuntenti għall-bqija ta' ħajjithom.

---